TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 85

Kaz Nru. 102

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur Victor Diacono
u
Messrs MCM Aluminium Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 10 ta' Marzu, 1981.

Chairman : C.J. Mallia

Fit-3 ta' Settenbru, 1980, il-Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali irriferiet lil dan it-Tribunal, taht l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, l-allegazzjoni tas-Sur Victor Diacono li huwa kien gie mkecci ngustament mill-impieg ta' General Office Clerk li kellu mad-ditta MCM Aluminium.

2. Il-partijiet. Is-Sur Victor Diacono kien assistit mis-Sur John Camilleri, u d-ditta MCM Aluminium Ltd. kienet rapprezentata mis-Sur Joseph Taylor-East, General Manager taghha, debitament awtorizzat ghal dan mill-Bord tad-Diretturi.

3. Seduti u xhieda. Ghas-smiegh tal-kaz it-Tribunal zamm erba' seduti, u sama' bil-gurament ix-xhieda ta' dawn is-sinjuri li gejjin:

Imsejjhin mill-applikant, Mr. Diacono

Dr. R.D. Borg, LL.D., Managing Director, MCM
Mr.J. Taylor-East, General Manager, MCM
Mr.Jesmond Catania, Storekeeper, MCM
Mr.Michael Said, Accounts Officer, J.B. Holdings
Mr. Victor Diacono, l-applikant stess.

/2. .....

Imsejjhin mid-ditta MCM Aluminium Ltd.

Miss Rita Farrugia, Clerk Typist, MCM
Mr Frank Cachia, habib tal-MCM li kull tant jghinhom f'xi haga.

4. Il-kaz. Il-partijiet qablu li s-Sur Victor Diacono kien qabad jahdem mad-ditta MCM fis-17 ta' Dicembru, 1979, bhala General Office Clerk, u li hu twaqqaf minn dak ix-xognol fis-27 ta' Mejju, 1980. Id-discharge certificate iffirmat minn Dr. R.D. Borg, fit-30 ta' Mejju, 1980, jaghti, bhala "Reason for discharge" : Redundancy. Din hija wkoll it-tezi primarja tal-kumpanija, kemm skond l-istatement of case taghha (9-12-80) kif ukoll skond is-sottomissjonijiet finali taghha (24-2-80). Is-Sur Diacono, minn naha tieghu, jikkontesta din it-tezi, u jghid li hu fil-fatt gie mkecci ghal ragunijiet dixxiplinarji bla bazi gusta u li floku gie mpjegat haddiehor.

5. Osservazzjonijiet. Importanti hafna x-xhieda li ta quddiem it-Tribunal l-Avukat Raymond Borg, li huwa Managing Director tad-ditta MCM. Minn din ix-xhieda, t-Tribunal jara

(a) li Dr. Borg kien imxebba b'diversi nuqqasijiet ta' karattru u ta' performance li kellu s-Sur Diacono;

(b) li l-istess Dr. Borg kecca lil Mr. Victor Diacono ghax hass ruhu offiz meta dan irrifjuta li jaghmel qadi privat;

(c) li Dr. Borg hu stess qal li twissijiet qatt ma inghataw lil Mr. Diacono la bil-miktub u anqas quddiem xhieda; u

(d) li, bl-ammissjoni tieghu stess, Dr. Borg weza l-kelma "redundancy" biss wara t-tkeccija, u ghalhekk dan jissuggerixxi l-probabilita' li hu haseb f'redundancy wara.

6. <u>Izjed dwar xnieda</u>. Is-Sur Jesmond Catania xehed li hu kien gie mpjegat mal-MCM bhala Storekeeper fit-2 ta' Gunju, 1980. Dan huwa biss sitt ijiem wara li tkecca s-Sur Diacono, u x-xognol li ntqal li jaghmel is-Sur Catania ma jeskludix li l-impieg ta' Storekeeper ma kienx hlief bidla ta' isem biex jiddahhal iehor flok il-General Office Clerk imkecci. Ukoll ix-xhieda tas-Sur Michael Said tindika tkeccija tas-Sur Diacono aktarx minn redundancy. Post hwejjeg ohra, is-Sur Said qal li huwa jaghmel ukoll il-qadi privat, bhal garr ta' ikel, li r-rifjut tieghu kien dak li wassal ghat-tkeccija tas-Sur Diacono.

7. <u>Nuqqasijiet</u>. Izda ma hemmx dubbju li l-applikant kellu diversi nuqqasijiet ta' karattru u ta' performance, u li dawn ma kienux bla bazi. Dan johrog mill-kumpless tax-xnieda ta' Dr. Borg, Mr. Taylor-East, Mr. J. Catania, Miss A. Farrugia, u Mr. F. Cachia. Dawn in-nuqqasijiet kienu jikkonsistu f'absent-mindedness u f'carelessness, kif ukoll fi traskuragni fid-doveri ta' office clerk u f'inkompetenza fl-istess doveri.

8. <u>Konkluzjonijiet</u>. Ghalhekk hawn wiehed jasal ghal dawn il-konkluzjonijiet li gejjin:

(1) Is-Sur Diacono tkecca minhabba nuqqasijiet li kellu u ghax fl-ahhar dejjaq lil Dr. Borg bir-rifjut tieghu li jaghmel qadi privat, u mhux minhabba redundancy.

/4. .....

(2) Ghal dan il-kumpless ta' nuqqasijiet, is-Sur Diacono ma inghatax twissijiet. Dawn it-Tribunal ilu jinsisti fuqhom, anke jekk ir-raguni ghat-tkeccija tkun gusta.

(3) Mela ghal l-inqas teknikament it-tkeccija tas-Sur Diacono mill-MCM ma kienetx gusta, ghad li aktarx li kienet gustifikata.

(4) L-istess Sur Victor Diacono ikkontribwixxa ghat-tkeccija bin-nuqqasijiet tieghu. L-impieg huwa sagru, imma biex ikun verament hekk hemm bzonn jibza sew ghalih l-impjegat ukoll.

(5) Is-Sur Diacono stess ma talabx reinstatement, imma talab biss kumpens ghal paga u bonus li tilef kemm dam minghajr xoghol mis-27 ta' Mejju, 1980, sad-9 ta' Lulju, 1980.

9. AWARD. Minn dan il-kumpens, it-Tribunal jidhirlu li s-Sur Victor Diacono haqqu biss £M60 (sittin lira maltin), ekwivalenti ghal paga ta' zewg gimghat rounded off biex bejn wiehed u iehor ikopri wkoll element ta' bonus ghall-istess tul ta' zmien. Id-ditta MCM Aluminium Ltd. hija ordnata li thallas dan l-ammont lis-Sur Diacono mhux aktar tard mill-20 ta' Marzu, 1981.

C.J. Mallia
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju.

10 ta' Marzu, 1981.

em